MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 561/2002/1

**GASANMAMO INSURANCE AGENCY LIMITED
BHALA AGENT U MANDATARJU TAS-SOCJETA
ESTERA CGU INSURANCE PLC TA' PERTH, SCOTLAND
U DIN KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TA' L-
ASSIGURAT TAGHHA ANDRE BORG**

**VS**

**ANGELO GILFORD**

Illum, 31 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal:

Ra l-avviz prezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Marzu, 2002, li bih talbet li l-konvenut ghandu jigi kkundannat

ihallasha s-somma ta’ tmin mija, hamsa w disghin lira Maltin u tminja w disghin centezmi (Lm895.98c) rapprezentanti danni w hsarat sofferti fil-yacht “**MY KAOS**” li kien qieghed jibbordja w li gie milqut mill-bastiment “**SEAHAWK**” misjuq mill-konvenut, f’ kollizzjoni li saret fil-bokka ta’ Marsamxett fit-13 ta’ Mejju, 2001. Bl-ispejjes u bl-interessi ghall-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 9 ta’ April, 2002, li biha eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-danni w l-hsarat allegatament sofferti mill-yacht “MY KAOS” kienu kagun tat-traskuraggini tal-Kaptan tal-yacht stess. Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici, salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha lix-xhieda kollha prodotti u dan bil-gurament, u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-provi kollha w semgha t-trattazzjoni taz-zewg nahat.

Ra l-atti kollha.

**IKKUNSIDRA :**

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw habta fil-bahar bejn zewg opri tal-bahar li grat fit-13 ta’ Mejju, 2001 ghall-habta tal-11.30 a.m., proprju hdejn il-hajt tal-Valletta Waterpolo Pitch, Marsamxett. Dawn l-opri tal-bahar kienu (**a**) ‘sailing boat’ bl-isem “**MY KAOS**”, proprjeta’ ta’ Andre’ Borg u li f’dak il-hin kienet misjuqha minnu, u (**b**) ‘cruise boat’, proprjeta’ tal-Captain Morgan Cruises, jisimha “**SEAHAWK**” li kienet qed tinstaq mill-konvenut Angelo Gilford. B’rizultat ta’ din il-habta, gie ppruvat mid-dokumenti esebiti, u li mhumiex kontestati, li l-yacht ta’ Andre’ Borg sofriet hsarat u danni li kienu jammontaw ghas-somma ta’ Lm895.98c, kif imsemmija fl-avviz, liema ammont dan Andre’ Borg kien thallas mis-socjeta’ attrici assikuratrici tieghu li, ghalhekk, giet surrogata fid-drittijiet tieghu, u dan kif jidher mid-dokument ‘D’ a fol.23 ta’ l-atti.

**IKKUNSIDRA :**

Jirrizulta mill-provi li s-'sailing boat' ta' Andre' Borg kienet qed tinstaq bis-sahha tal-qlugh taghha stess l-ghaliex dik in-nhar ta' l-incident in kwistjoni it-temp kien tajjeb ghas-sailing, b'rih adegwat u daqxejn ta' "swell" fil-bahar. Borg kien ghaddej vicin hafna tal-hajt tal-waterpolo pitch fuq imsemmi fid-direzzjoni sejjer lejn il-bokka tal-port ta' Marsamxett, filwaqt li l-konvenut kien gej bil-'cruise boat' "SEAHAWK" isuq wara Borg mid-direzzjoni tal-Hotel Excelsior u sejjer fl-istess direzzjoni li kien sejjer Borg lejn il-bokka tal-port ta' Marsamxett. F' hin minnhom, il-konvenut Gilford, li allura kien qed isuq bastiment immexxi bil-magni tieghu, ferm akbar u ferm aktar b' sahhtu mis-'sailing boat' ta' Borg, lahaq u gie vicin dan is-'sailing yacht' ta' Borg, anzi gie ma' genbu fuq ix-xellug ta' dan il-yacht, u ssorpassah. Kien ezatt f' dan il-hin li giet buffura rih qawwija li l-effett taghha kien li qabdet il-qlugh tal-yacht ta' Borg u, kif jghid hu, il-boat tieghu giet merfughha bil-qlugh iperper. F'tali cirkostanzi ikun ferm difficli li tikkontrolla 'sailing boat' li ssib ruha f' din is-sitwazzjoni. Borg jghid li, kif normalment isir, kiser fuq ix-xellug biex jerga jigi in linea mar-rih, jaqbad ir-rih u jerga' jipprocedi fi triqtu. Kien proprju hawn meta l-konvenut kien kwazi ssorpassa ghall-kollox lill-Borg li saret il-habta bejn il-parti tal-pruwa tal-yacht ta' Borg u l-gangway li kien qed jisporgi fuq il-poppa tal-bastiment misjuq mill-konvenut.

Borg jghid li fil-hin tas-sorpass, il-konvenut ma kienx aktar minn 10 metri il-boghod mix-xellug tieghu, filwaqt li l-konvenut Gilford jghid li d-distanza bejnu u l-yacht ta' Borg, fil-hin tas-sorprass, kienet ta' bejn 20/25 metru. Borg jghid li ghamel minn kollox biex jevita l-habta, izda ma setghax minhabba c-cirkostanzi li sab ruhu fihom, cioe' il-fatt li l-boat tintrefgha meta tinqabad minn buffura rih qawwija w jkun ferm difficli biex tikkontrollaha, kif kien gara.

**IKKUNSIDRA :**

Illi r-Regolament 13 ta' l-"**International Regulations for Preventing Collisions at Sea**", liema regolament jitratta dwar is-sorpass jew 'overtaking' bejn opri tal-bahar, jghid

illi l-opra li tkun qed tghamel il-manuvra tas-sorpass "should keep out of the way of the vessel being overtaken".

Inoltre, ir-Regolament 18 ta' l-istess imsemmija Regolamenti, b' riferenza ghar-Regolament 13 kwotat, u li jitratta dwar l-obbligi jew responsabilitajiet bejn opri tal-bahar, jghid car li opra tal-bahar ghandha ccedi jew izzomm "clear" minn opra tal-bahar bil-qlugh (sailing vessel) u dawk ta' "restricted manouverability".

**IKKUNSIDRA :**

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dawn iz-zewg regolamenti japplikaw bis-shih ghal-kaz in ezami. Hemm l-opra tal-bahar ta' Andre' Borg li hi 'sailing vessel' kif imsemmija fir-Regolament 18 u li hi wkoll opra tal-bahar li ghandha "restricted manouverability", kif jirrizulta meta inqabdet mill-buffura ta' rih qawwi. U, mill-banda l-ohra, hemm il-bastiment ferm akbar u ferm aktar b' sahhtu misjuq mill-konvenut li ghadda minn mal-genb tas-'sailing vessel' ta' Borg biex jissorpassaha f' distanza bejnithom ta' mhux aktar minn 10 metri (skond Borg) u ta' bejn 20/25 metri (skond il-konvenut), u, allura hawnhekk japplika r-Regolament 13 fuq imsemmi.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, is-sorpass li sar mill-konvenut jikser dawn iz-zewg regolamenti, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li dik in-nhar ta' dan l-incident kien hemm daqxejn tar-rih mhux hazin, tant li kien idejali ghas-'sailing', u kien hemm ftit ta' "swell" fil-bahar, ossia cafcifa, oltre li fatt li, kif jirrizulta, il-qawwa tar-rih zdiedet f' daqqa wahda fil-hin tas-sorpass. Barra minn hekk, il-lokalita' ta' fejn saret il-habta hdejn il-Valletta Waterpolo Pitch kienet tippermetti lill-konvenut li jzomm ferm u ferm aktar il-boghod mill-yacht ta' Borg meta gie biex jissorpassah ghaliex din grat fil-parti tal-port ta' Marsamxett li hija wiesgha hafna. Il-konvenut kien liberu, ghalhekk, li jzomm ferm aktar lejn nofs dan il-port biex jaqbez lill-Borg fic-cirkostanzi.

Hu car li meta l-konvenut lahaq lill-Borg u ghamel is-sorpass, hu ma osservax ir-Regolament 13 li jghid "*Overtaking vessel should keep out of the way of the vessel being overtaken*". Hu daqstant evidenti li l-konvenut ma osservax dak li jghid ir-Regolament 18 li jobbligah li kellu jzomm "*clear of vessels of restricted manouverability and of sailing vessels*". L-obbligu w ir-responsabilita' tal-konvenut kienu li fil-munent tas-sorpass hu jara li jzomm distanza notevoli mis-'sailing vessel' ta' Borg, b' mod li ma jkunx fil-'way' taghha w li, ghalhekk, ikun qed izomm 'clear' minnha. Minn dan kollu, jirrizulta li l-konvenut ma ghamel xejn. Il-mod ta' kif il-konvenut ghamel is-sorpass, anke jekk, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss, kien meta hu kien il-boghod bejn 20/25 il-metru mill-genb tal-yacht ta' Borg, tenut kont tac-cirkostanzi fuq imsemmija, lokalita', temp, eccetera, certament ma jinkwadrax ruhu f' dak li jistipulaw il-fuq imsemmija zewg Regolamenti.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni, dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jara li l-habta in kwistjoni saret b' tort u htija unikament da parti tal-konvenut Angelo Gilford, qed jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati minn dan il-konvenut, jillikwida d-danni sofferti fil-yacht ta' Andre' Borg fl-ammont ta' Lm895.98c (Tmin mija, hamsa u disghin lira Maltin u tminja u disghin centezmi), u jikkundanna lill-imsemmi konvenut li jhallas dan l-ammont ta' danni hekk likwidati lis-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Andre' Borg. Bl-ispejjes u interessi legali kontra l-istess konvenut Angelo Gilford.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------